**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru 13/2018**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Robert Vella)**

**Vs.**

**Pier (Pier Paul) Buttigieg**

**U**

*Omissis*

Illum 5 ta'Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Pier (Pier Paul) Buttigieg ta' 43 sena, iben David u Pauline xebba Dingli, imwieled gewwa l-Pieta' nhar is-13

t'April, 1974 u residenti gewwa fond 5, Sqaq Dun Perin, Birkirkara (prezentament detenut gewwa il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin), u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru **195874(M);**

u lil *omissis*

Akkuzati talli nhar l-04 t'Awwissu, 2017, ghall-habta tad-9.45 ta' filghaxija, minn gewwa '*Cassar Fuel Service Station*' sitwata fi Triq il-Kanun, Santa Venera:-

1. ikkommettejtu serq ta' flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u liema serq sar ghad-dannu tas-sid jew sidien tal-kumpanija '*Cassar Fuel Service Station*' u/jew persuni u/jew entitajiet ohra;

2. u aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassartu, ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamiltu hsara fuq pompa tal-arja ghad-dannu tas-sid jew sidien tal-kumpanija '*Cassar Fuel Service Station*' u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, liema hsara hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250) izda ma tiskorrix elefejn u hames mitt Euro (€2,500);

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lil-imputat Pier (Pier Paul) Buttigieg wahdu bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2020 l-partijiet ivverbalizzaw li qed jezentaw din il-Qorti kif inhi ppreseduta milli terga' tisma' lix-xhieda kollha prodotti minn din il-Qorti kif kienet diversament ippreseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. [3]

Rat illi l-prosekuzzjoni nhar il-23 ta' Jannar 2019 talbet is-separazzjoni tal-gudizzju sabiex il-kawza kontra l-ko-imputat *Omissis* titkompla indipendentement minn ta' l-imputat, liema talba giet milqugha u b'hekk gie ordnat is-separazzjoni tal-guzidzzju.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar id-29 ta' Marzu 2022.[5]

Rat illi d-Difiza ma ressqitx provi hekk kif gie ikkonfermat fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2022

---

[1] Folio 28 ta' l-atti processwali
[2] Folio 57-59 ta' l-atti processwali
[3] Folio 63-64 ta' l-atti processwali
[4] Folio 44 ta' l-atti processwali
[5] Folio 121 ta' l-atti processwali

Semghet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni li saret fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 2022.[6]

Rat id-digriet tal-Qorti tat-2 ta' Awwissu 2022 fejn il-Qorti ordnat is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat li waqt is-seduta sussegwenti f' Settembru 2022 wara li rega sar l-ezami ta' l-imputat, il-partijiet ezentaw lill-Qorti milli terga tisma mill-gdid il-provi li kienu diga nstemghu u li terga tiehu konjizzjoni tad-dokument u l-atti, kif ukoll ikkonfermaw li ma kellhom xejn x'izidu mat-trattazzjoni finali taghhom.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti u fliet l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar l-4 ta' Awissu 2017 meta gie rraportat l-ghassa tal-Hamrun minn ghand ic-Chief Superintendent ta' Cassar Fuel Services Station li xi hadd mhux maghruf kien kisser u seraq ammont ta' madwar mitt Ewro (€100) mill-pompa ta' l-arja gewwa il-pompa kif ukoll li kkaguna hsara lill-istess pompa. Minn iktar investigazzjonijiet tal-pulizija gie arrestat l-imputat.

**Ikkunsidrat**

[6] Folio 65-68 ta' l-atti processwali

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel referenza ghax-xiehda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 xehed **PS 1147 Antoine Fenech**[7], gia stazzjonat fit-Taqsima Forensika, li stqarr li nhar l-10 t'Awwissu 2017, kien ircieva filmat CCTV fejn minn dan il-filmat huwa kien eleva 14-il fotogramma, li imbaghad kienu gew mghoddija lill-Ispettur Investigattiv. Illi dawn ir-ritratti, li huma stills mis-CCTV *footage* gew esebiti mix-xhud.[8]

Illi minn dawn ir-ritratti jirrizulta li l-*footage* ittiehdet nhar il-4 ta' Awwissu 2017 ghal-habta ta' l-ghaxra neqsin kwart. Minn dawn ir-ritratti hemm dehra ta' karozza b'zewg persuni. Jidher persuna liebes xorts minghajr flokk u b'sidru mikxuf hiereg mill-karozza minn naha tal-passigier hiereg u diehel. Illi filwaqt li qatt ma jista jinghad b'certezza minn hu l-persuna diehel u hiereg mill-karozza jidher li hemm xebh ma' l-imputat.

Fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2021 xehed **is-Supretendent Robert Vella**[9] li stqarr li fis-7 t'Awwissu 2017 certu Joseph Zerafa f'isem Cassar Fuel Station ta' Santa Venera, ghamel rapport mal-Ghassa tal-Hamrun minhabba li xi hadd kien kisser il-kaxxa tal-flus ta' magna li tonfoh it-*tyres*. Minn din il-kaxxa kienet insterqet is-somma ta'€100. Il-kaxxa innifisha kienet giet ukoll danneggjata. L-istess kwerelant kien ipproduca wkoll filmat CCTV li minnu deher li l-incident kien fil-fatt sehh fl- 4 t'Awwissu 2017. Mill-filmat kien irrizulta car li wiehed mill-persuni involuti kien l-imputat Pier Paul Buttigieg li deher li kien fil-kumpanija ta' persuna ohra li kien qed isuq vettura bajda tal-ghamla Peugeot. Wara investigazzjoni ulterjuri, irrizulta li dan il-persuna kien *Omissis*. Minn naha tieghu, ix-xhud kien baghat ghall-Pier Paul Buttigieg u wara li kkonsulta

[7] Folio 75 ta' l-atti processwali
[8] Dok AF1, Folio 77 ta' l-atti processwali
[9] Folio 84-87 ta' l-atti processwali

telefonikament mal-Avukat Dr Arthur Azzopardi kien ta stqarrija fejn sahaq illi huwa kien wettaq dan ir-reat minhabba l-problema tad-droga li huwa kellu. Ix-xhud informa ukoll li *Omissis* gia gie sentenzjat in konnessjoni mal-involviment tieghu f'dan il-kaz. In kontro-ezami, ix-xhud iccara li waqt l-isqarrija, l-imputat kien ammetta l-involviment tieghu wara li ntwera l-filmati CCTV provduti mill-kwerelanti.

Illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019, l-ufficjal prosekutur esebixxa r-rapport tal-pulizija bin-numru 7/P/3605/2017.[10] Fl-istess seduta gew esebiti wkoll minnu stima tal-hsarat[11], erbatax (14) ir-ritratt tas-CCTV kif ukoll kopja ta' l-istess *footage*[12], dikjarazzjoni dwar il-jedd ghall-parir legali u presenza ta' avukat jew prokurtatur legali waqt l-interrogazzjoni[13] u l-istqarrija ta' l-imputat[14].

Illi sussegwentement fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2021 l-istess xhud rega esebixxa l-istqarrija ta' l-imputat[15], stima tal-hsarat[16], ricevuta[17], erbatax ir-ritratt (stills) kif ukoll kopja tas-CD[18] u zewg sentenzi tal-Qorti[19].

Fl-istess seduta xehed **Stephen Cachia**[20] in rapprezentanza tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta. Ikkonferma li l-vettura KBO-616 tal-ghamla Peugeot 207 ta' lewn abjad hija registrata fuq Leandra Maria Migneco f'isem Migneco Holdings Limited u ilha hekk registrata sa mill-20 ta' Jannar 2015 u pprenzenta prova dokumentarja ta' dan.[21]

[10] Dok RV1, Folio 49-50 ta' l-atti processwali
[11] Dok RV2, Folio 51 ta' l-atti processwali
[12] Dok RV3, Folio 52 ta' l-atti processwali
[13] Dok RV4, Folio 53 ta' l-atti processwali
[14] Dok RV5, Folio 54 ta' l-atti processwali
[15] Dok RV6, Folio 88-90 ta' l-atti processwali
[16] Dok RV7, Folio 91 ta' l-atti processwali
[17] Dok RV8, Folio 92 ta' l-atti processwali
[18] Dok RV9, Folio 93 ta' l-atti processwali
[19] Dok RV10 u RV11, Folio 94-98 ta' l-atti processwali
[20] Folio 99 ta' l-atti processwali
[21] Dok SC1, Folio 100-101 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **eks-PS 125 Malcolm Mifsud**[22], l-ufficjal li kien ircieva r-rapport dwar l-incident de quo. Ikkonferma li kien gie mghoddi filmat CCTV li huwa kien ghadda lit-Taqsima Forensika sabiex jigu elevati immagini minnu. Spjega li l-kwerelant kien informa li kien qed jaghraf persuna mill-filmat kif ukollipprezenta kopja tar-rapport maghmul minnu.[23]

Fl-istess seduta xehed ***Omissis***[24]. Ikkonferma li huwa kien involut fl-incident de quo u kien gie sentenzjat dwar l-istess. Minn naha tieghu, stqarr li hallas dak dovut minnu. Dwar kif sehhew l-affarijiet, qal li huwa flimkien mal-imputat Pier Paul Buttigieg kien waqfu f'pompa tal-petrol u Buttigieg kien nizel, kisser xi haga u ha xi flus li fi kliem ix-xhud, zgur ma kienux jeccedu €200. F'dak iz-zmien ix-xhud kien afflitt minn problema ta' droga.

*"Emm what I recall is emm I thought he would stop for fuel but there was a box he broke it and took some small change from it igifieri."*[25]

….

*Mal-gemb kien hemm kaxxa zghira mal-genb tal-pompa kaxxa zghira hafna ta' igifieri change kien hemm ta ma hax xi ammont kbir igifieri.*

…

*No no ma kissirx kemm daqqa inkisret il-bieba u hargu xi flus that's all. Lanqas bghattala tant hu vera ghax halla hafna minnhom gol-kaxxa stess igifieri."*[26]

**Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2021 xehed Joseph Zerafa,** impjegat ma Cassar Service Station. Huwa kkonferma li kien ghamel ir-rapport dwar l-incident de quo ghan-nom tal-kumpanija. Wara li kienet instabet magna li tonfoh it-*tyres* imkissra, gew skarikati l-filmati mis-sistema tas-CCTV li hemm fil-post u minn

[22] Folio 102-103 ta' l-atti processwali
[23] Dok MM1, Folio 104-106 ta' l-atti processwali
[24] Folio 107-116 ta' l-atti processwali
[25] Folio 108 ta' l-atti processwali
[26] Folio 109 ta' l-atti processwali

dawn irrizulta li kien hemm persuna li nizlet mill-karozza u sgassat il-kaxxa tal-magna sabiex ha l-flus li jkun hemm. Minn naha tieghu, ma seta' jaghraf lill-hadd in konnessjoni mal-incident deskritt.

Fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022 xehdet **Mirelle Cassar** f'isem Cassar Fuel Station. Ikkonfermat li kient saret hsara fil-pompa tal-arja li hemm fil-petrol station ta' Santa Venera. In konnessjoni ma dan l-incident, il-kumpanija kienet thallset lura s-somma ta' €300 minghand *Omissis*.

**Ikkunsidrat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[27] ta' l-imputat ittiehdet nhar it-18 ta' Novembru 2017, u cioe ftit jiem wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fil-Hamrun fl-ufficju ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Robert Vella fil-prezenza ta' PS 267 Anthony Cassar u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.[28]

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li irrinunzjaw milli jezercitaw dan id-dritt, izda meta ttiehdietlu l-istqarrija irrizulta li ha parir mill-avukat Dr. Arthur Azzopardi LL.D.

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija tieghu u wiegeb ghad-domandi li sarulu.

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat jirrizulta li l-imputat kien fuq il-post in kwistjoni fid-data u l-hin u li kien hu li ghamel is-serqa.

[27] Dok RV6, Folios 88-90 ta' l-atti processwali
[28] Folio 53 ta' l-atti processwali

*"Nammetti li kont jien li ghamilt din is-serqa li qed tkellimni dwarha."*[29]

L-imputat jispjega li r-raguni ghalfjen wettqa dan ir-reat kien ghaliex dak iz-zmien kellu problema kbira ta' droga u xorb u li kien lest li jaghmel tajjeb ghal hsarat.

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

**Ir-reat ta' serq aggravat**

Illi l-imputat huwa akkuzat talli ikomettiet serq ta' ghad-dannu ta' Cassar Fuel Station liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil hin u bil-persuna.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[30]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

[29] Folio 89 ta' l-atti processwali

[30] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[31]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

'5. *Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".*'

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixli l-imputat f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz u hin. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputat u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Skond il-Kodici Kriminali, l-aggravju tal-hin skond kif senjalat fl-artikolu 270, isehh meta is-serq isir bil-lejl, jigifieri bejn inzul u t-tlugh ix-xemx.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti ezaminat ix-xhieda u d-dokument, inkluz u partikolarment l-istqarrija ta' l-imputat li tressqu l-Qorti hija konvinta li l-imputat huwa responsabbli ghas-serqa li sehhet. Apparti li l-imputat ammetta l-involviment

[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

tieghu fl-istqarrija, sussegwentement gie identifikat bhala l-persuna li kien ghamel din is-serqa minn xhud li kien prezenti, kif ukoll dan gie wkoll ikkoroborat mis-CCTV *footage* fejn deher persuna li jixbhu jattendi f'din il-pompa tal-fuel iwettaq ir-reat.

Ghalhekk, wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiemha l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputat u sejra taghddi sabiex issibu hati taghha.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li f'kaz ta' htija jitqies li huwa recidiv taht l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghandu jinghad li tnejn minn tlieta tas-sentenzi li gew esebiti fil-konfront tal-imputat kienu dwar serq.

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

Illi f'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ressqet zewg sentenzi. Illi fir-rigward dawn iz-zewg sentenzi l- Qorti tara li l-konnotati tal-imputat jaqblu ma dawk ta' l-imputazzjonjijiet kif ukoll mal-fedina penali. Ghaldaqstant minkejja li mill-verbali tal-Qorti ma jirrizultax li kien hemm ezenzjoni ghall-ufficjali prosekuturi. Ma dan kollu l-Qorti xorta tqis is-sentenza in kwistjoni bhala validi ghall-finijiet ta' identita' in vista tal-fatt li l-konotati jaqblu ma dawk ta' l-imputat.

Illi fir-rigward l-ewwel sentenza ezegwita fil-Qorti tal-Familja il-Qorti l-imputat wara li ammetta kien inghata ordni skond l-artikolu 383 taht penali ta' elf Euro (€1,000). Illi l-Qorti tqis li din is-sentenza mhix valida bhala prova tar-recidiva stante li din kienet obbligu fuq l-hati.[32]

Ghar-rigward it-tieni sentenza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Frar 2014, l-imputat wara li kien instab hati gie ikkundannat sitt xhur prigunerija effettivi. Ghaldaqstant a bazi ta' din is-sentenza l-Qorti tqis li l-prova tar-recidiva skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali gie soddisfacjentement ippruvat

Madankollu l-prosekuzzjoni ma esebitix sentenzi in sostenn ta' l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali. Minkejja li fil-fedina penali hemm referenzi ghal-sentenzi relatati mas-serq, il-prosekuzzjoni naqqset li tipprezenta prova sufficjenti f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi sabiex issibu hati skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali izda mhux tal-artikolu 289 ta' l-istess Kodici Kriminali.

**Ikkunsidrat**

[32] Dok RV10, Folio 94 ta' l-atti processwali

Illi għall-finijiet ta' piena li għandha tiġi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat li hija netta refrattarja u volimonuza.[33] Illi l-imputat f'ghoxrin sena gew registrati mhux inqas minn wiehed u ghorxin (21) sentenza bl-ahhar wahda ricenti kontrih kienet saret fl-itess jum minn pompa ta' petrol ohra![34] Illi s-sentenzi registrati jkopri mhux biss serq izda varjeta ta' reati u delitti ohrajn u jidher bic-car li l-imputat ghazel li jirrikorri lejn il-kriminalita kif ukoll li qatt ma irriforma ruhu u biddel hajtu minkejja l-varjeta ta' sentenzi u opportunitajiet kollha li nghatawlu.

- Il-hlas tal-hsarat sofferti mill-parte civile diga sar minn terzi persuni u allura ma ghadx hemm bzonn ta' kumpens

- L-imputat wera rimors ta' ghemilu u iddispjecieh ta' dak li gara.

- Illi r-reat huwa meqjus aggravat in vista ta' l-aggravji tal-mezz u tal-hin u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu taghha skond l-artikolu 278(2) tal-Kodici Kriminali.

- L-aritkolu 20 tal-Kodici Kriminali jghid li meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(f), 263, 264, 265, 270, 278(1)(2), 325(1)(b), 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Pier (Pier Paul)

[33] Folio 5-25 ta' l-atti processwali
[34] Folio 25 ta' l-atti processwali

Buttigieg **hati** taz-zewg imputazzjonijiet dedotti kontrih, kif ukoll ta' l-addebitu tar-recidiva skond l-artikolu 49 u 50 izda mhux skond l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) habs li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**Moghtija illum nhar il-5 ta' Ottubru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**